# 45

merlin

| | | |
|---|---|---|
| 09 | Daħla | Chris Gruppetta |
| 21 | ġurnata mill-isbaħ | Loranne Vella |
| 37 | Aqrali xi ħaga ġdida, qaltilha | Clare Azzopardi |
| 57 | 45.0 MHz FM | Ġużè Stagno |
| 73 | Il-Kunsill tal-45 | Mario Azzopardi |
| 91 | L-Istars on 45 | Simon Bartolo |
| 103 | Mort naraha, pa | Pierre J. Mejlak |
| 123 | Ħamsa u Erbgħin Ewro | Carmel G. Cauchi |
| 147 | Il-Ħamsa u Erbgħin | Trevor Żahra |
| 165 | 45 | Charles Casha |
| 195 | Gallo | Mark Camilleri |

# Daħla

45 sena

10 stejjer

10 awturi

*45 sena-avventura*. Vjaġġ twil; sempliċi ma tantx, monotonu qatt, eċċitanti dejjem. Bdejna b'ħanut żgħir fi triq kollha għelieqi (għajr skola u razzett) fil-Blata l-Bajda. Żidna l-kotba, kabbarna l-ispazju, naqqasna l-peduni u l-minċotti, u minn kotba barranin biss bdejna wkoll noħolqu kotba tagħna stess.

Introduċejna l-kotba bil-Malti għat-tfal, u fis-sebgħinijiet bdejna nlaqqgħu lit-tfal max-xogħol ta'

awturi li jiktbu apposta għalihom. Stejjer, avventuri, praspar, ħrejjef, poeżiji. Ftit snin wara kkreajna l-ewwel workbooks bil-Malti, kunċett ġdid għall-iskejjel Maltin.

Tul is-snin uħud mill-akbar awturi Maltin ippubblikaw mal-Merlin. Kompliet ir-riċerka ta' stili u ġeneri differenti, u f'diversi okkażjonijiet ħdimna flimkien ma' djar kbar ta' pubblikazzjoni barranin biex nippubblikaw traduzzjonijiet bil-Malti.

Minn dejjem emminna li l-preżentazzjoni u l-produzzjoni tal-ktieb għandha tkun ta' livell li jirrispetta u jagħmel unur lill-kwalità tal-kitba. Għalhekk dejjem konna minn ta' quddiem biex nippruvaw tekniki ġodda: lgħabna bid-disinn tal-qoxra, esperimentajna b'qisien, karta u tipografija, u fl-aħħar snin daħħalna l-print on demand għal kotba ta' ċirkolazzjoni limitata.

Ħdimna u nibqgħu naħdmu mal-aqwa illustraturi fil-kamp, u l-ħin kollu nfittxu illustraturi ġodda, żgħażagħ li forsi għad ma ngħatalhomx iċ-ċans li jaraw xi xogħol tagħhom stampat. Ħafna minn dawn illum saru u qed isiru professjonisti stabbiliti fil-ġeneru tagħhom.

Il-kotba Merlin għalina huma speċjali, u nemmnu li ħaqqhom trattament speċjali: ippopolarizzajna t-tnedija bħala spettaklu-ċelebrazzjoni tal-ktieb, bħala avveniment li jiġbed anki lil dawk li forsi mhumiex tradizzjonalment qarrejja tal-ktieb Malti. Tfajna siltiet u ritratti mill-kotba tagħna online, u ħloqna twieqi ta' kuntatt u komunikazzjoni virtwali mal-qarrejja tagħna.

U qed inħejju, għall-futur, toroq u vjaġġi ġodda, nimxu ma' teknoloġiji li qed jibdlu n-natura

tal-ktieb, mingħajr ma nitilfu l-pjaċir tal-artiġjanat tal-ktieb.

*10 stejjer – 10 dinjiet.* F'dan il-ktieb, ċelebrazzjoni tal-ewwel 45 sena tagħna, se ndewqukom 10 stejjer miktubin apposta, li jispazjaw minn ġeneru għal ieħor, minn stil ta' kitba għal ieħor, minn ġenerazzjoni għal oħra. Element wieħed biss in komuni … xi mkien, f'xi punt ta' kull storja, għal xi raġuni, jitfaċċa n-numru 45. Drabi bħala cameo, oħra bħala protagonist.

Dawn l-10 stejjer kienu r-rigal tal-10 awturi għal għeluq sninna. Ir-rikavati ta' dal-ktieb sejrin għad-Dar tal-Providenza, għaliex l-iskop ta' dan il-ktieb ma kienx il-qligħ imma ċ-ċelebrazzjoni ta' 45 sena ta' kotba "mmerlinizzati".

*10 awturi*. Anzi, 9 awturi + awtur 1. Fost il-ħafna li tul is-snin ippubblikaw mal-Merlin, dawn id-9 kkontribwew b'mod partikolari biex il-librerija ta' kotba ttimbrati "Merlin" tkun fost l-iżjed rikki, b'diversità ta' stili, ta' ġeneri, ta' ideat. Min għax ippubblika l-ewwel ktieb bil-Malti għat-tfal; min għax tant rabat ismu mal-Merlin li kważi saru sinonimi ma' xulxin; min għax kien provokattiv fi żminijiet meta ma kinitx daqshekk moda li tkun; min għax ta f'idejn il-Merlin il-manuskritt tiegħu u emmen fl-ideat ftit "bizzarri" ta' promozzjoni li kellna.

Dawn id-9 awturi jirrappreżentaw mnejn ġejna u fejn wasalna sal-lum. U aħna kburin immens bihom, bil-fiduċja li dejjem urew fil-Merlin għaliex wara kollox, mingħajrhom, ma konna nagħmlu xejn. Jekk il-Merlin illum hu dak li hu, il-mertu hu tagħhom.

L-10 awtur, magħżul minn fost mijiet ta' manuskritti li nirċievu, qiegħed hawn għax – mingħajr ma nwarrbu l-esperjenza – nippruvaw dejjem infittxu l-ġdid. Awtur żagħżugħ, ix-xogħol tiegħu għadu mhux ippubblikat, li 'l quddiem għad nisimgħu dwaru u naqraw tiegħu.

45 sena, 10 stejjer, 10 awturi. Fi ktieb wieħed. Għalhekk dal-ktieb u l-istejjer ta' ġo fih ġew interpretati viżwalment bħala album tar-ritratti. Ritratti ta' 45 sena kotba. Ritratti tal-kreattività ta' 10 awturi. Ritratti ta' perkors minn bidu ċkejken sal-lum. U għażilna li nurukom dan l-album tar-ritratti b'ritratti tal-mezz li aħna nafu l-iktar: il-kitba.



Nittamaw li dal-ktieb jogħġobkom, li l-istejjer li qed jirrakkonta jsibu fejn iħallu l-marka tagħhom. U nittamaw ukoll li minn dal-ktieb toħroġ il-passjoni li għandna għall-ktieb, fil-forom u kontenuti kollha tiegħu.

Grazzi lil kulmin għinna naslu s'hawn.

Chris Gruppetta

Ġunju 2009